TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 122/22/F

**Britney Farrugia u Matthew Borg**

**vs**

**FACT Phone Shop**

Illum, 20 ta' Frar, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-19 ta' Awwissu 2022 il-11 ta' Novembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata fis-26 ta' Settembru 2022, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrenti Britney Farrugia waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023;

Sema' x-xhieda bil-ġurament ta' Malcolm Galdes in rappreżentanza tal-azjenda intimata waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023;

Ra li waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023, il-*mobile phone* in kwistjoni ġie mgħoddi lura lir-Rikorrenti Britney Farrugia minn Malcolm Galdes;

Illi preliminarjament, it-Tribunal iqis li l-preżenza ta' Matthew Borg f'dawn il-proċeduri hija inutili stante li mid-dokumenti eżebiti in atti, jidher li l-bejgħ tal-*mobile phone* in kwistjoni mill-azjenda intimata sar lir-Rikorrenti Britney Farrugia biss u fil-fatt, l-ilment mal-MCCAA infetaħ f'isem Britney Farrugia biss u kienet biss l-istess Farrugia li ffirmat l-Avviż tat-Talba. Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi biex iqis it-Talba bħala li saret minn Britney Farrugia biss.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' mija u disgħin Euro (€190.00) mill-azjenda intimata rappreżentanti l-valur ta' *mobile phone* Samsung Galaxy A12.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li l-*mobile* in kwistjoni kienet xtratu fit-18 ta' Marzu 2022 u f'Ġunju 2022, wara tlett xhur tużah b'mod "normali" bħal qisu marlu l-i*screen*. Tgħid li meta ħadet il-*mobile* għat-tiswija għand l-azjenda intimata, kienet ġiet infurmata li dik it-tip ta' ħsara ma kienitx koperta bil-garanzija u fil-fatt ġiet mitluba disgħin Euro (€90.00) sabiex issir it-tiswija. Ir-Rikorrenti rat dan l-ammont għoli u insistiet mal-azjenda intimata li din kienet "ħsara ta' manifattura".

Illi waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023, deher u xehed Malcolm Galdes in rappreżentanza tal-azjenda intimata. Spjega li huwa ma jaqbel xejn mat-teżi tar-Rikorrenti li l-*mobile* in kwistjoni huwa afflitt minn difett tal-manifattura u dan għaliex meta l-*mobile* ġie miftuħ, deher biċ-ċċar li kellu *connector* minn *circuit board* maqtugħ u spjega li mill-esperjenza tiegħu fil-qasam, din it-tip ta' ħsara isseħħ meta l-*mobile* jaqa' jew inkella meta jieħu xi impatt minn forza esterna. Galdes irrefera ukoll għal ritratti li huwa ippreżenta in atti, liema ritratti jindikaw li l-*mobile* huwa mgħawweġ.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunità li jara l-*mobile* in kwistjoni waqt is-seduta u jista' jikkonferma bla tlaqliq li huwa minnu li l-*mobile* huwa mgħawweġ.

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejegazzjoni mogħtija mill-azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn u mill-ħsara innifisha jidher li fuq bażi ta' probabbilità, id-difett fil-mobile mhuwiex dovut għal difett tal-manifattura iżda minħabba li dan ġie assoġġettat għal waqa' jew xi forza esterna tant li ġie fiżikament mgħawweġ.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrent.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***